# STOP

# DROGA



ICADAIT
Kummissjoni Interdipartimentali
Kontra l-Abbuż tad-Droga
u t-Tixrid Tagħha

Il-Kamra
ta' l-Ispiżjara
ta' Malta

United Nations Interregional Crime
and Justice Research Institute (ONU)

Lions Club
(Malta)

## WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| KUN INFURMAT BIEX TEVITA | PAĠNA | 1 |
| X'INHUMA D-DROGI? | PAĠNA | 2 |
| IL-KANNABIS | PAĠNA | 3 |
| IN-NARKOTIĊI | PAĠNA | 7 |
| L-ISTIMULANTI | PAĠNA | 11 |
| IL-PSIKEDELIĊI | PAĠNA | 17 |
| "DESIGNER DRUGS" | PAĠNA | 19 |
| IX-XAMMIEMA | PAĠNA | 20 |



© 1990 UNICRI

Edizzjoni Maltija © 1994 ICADAIT, Kamra ta' l-Ispiżjara ta' Malta.



**Kitba:** Maria Elena Andreotti.
Mario Brunetti.



Maqlub għall-Malti u adattat minn:- Paul Pace bil-kollaborazzjoni tat-tabiba Maria Sciberras, l-ispiżjara MaryAnn Sant Fournier, l-ispiżjara MaryAnne Ciappara, u l-Maġistrat Dr. David Scicluna.

**Proġett grafiku:** L'OFFICINA DEL SOLE.

*Direttur artistiku:* Dona Ravà.

Din il-pubblikazzjoni hi parti mill-kampanja ta' informazzjoni u edukazzjoni għall-pubbliku magħmula mill-Kummissjoni Interdipartimentali Kontra L-Abbuż tad-Droga u t-Tixrid Tagħha (ICADAIT) u mill-Kamra ta' l-Ispiżjara ta' Malta.

L-istampar ta'din il-pubblikazzjoni sar bl-għajnuna tal-Lions Club (Malta).



Ir-riproduzzjoni ta' kull xorta, anki parzjali, tal-kliem u ta' l-istampi hi pprojbita.

Dan il-ktieb mhux għall-bejgħ.



Il-kampanja STOP DROGA f'Malta hija mmexxija mill-ICADAIT u mill-Kamra ta' l-Ispiżjara ta' Malta.

Stampat fid-Dormax Press Company Limited, Qormi.

Ħafna żgħażagħ ikunu ilhom jieħdu d-drogi xi sentejn jew tlieta qabel ma jindunaw il-ġenituri tagħhom; jiġri spiss li l-għalliema ma jkunux jafu li fil-klassi jkollhom studenti li jieħdu, u forsi jbiegħu ukoll, id-drogi; kultant wieħed ikun qed jaħdem jew igħix ma' xi persuna li tkun tieħu d-drogi bla ma jintebaħ. Madankollu, biex persuna tkun mgħejjuna biex ma taqax taħt l-influwenza tad-drogi, u ma ssirx dipendenti fuqhom, hemm bżonn li dawk ta' madwarha jintebħu mill-aktar fis meta tkun bdiet teħodhom. Min ikun qed jeħodhom ta' kultant, jiġifieri ma jkunx għadu ntrikeb mill-vizzju, jista' jeħles minnhom faċilment. Imma meta tidħol id-dipendenza, li hija marda kerha, hu diffiċli tikkuraha.

L-abbuż tad-drogi hu epidemija li teżisti kullimkien fid-dinja, u bħall-epidemiji l-oħra hemm bżonn li kull wieħed minna jieħu l-prekawzjonijiet kollha biex hu ma "jitteħidx" u jgħin biex ma "jitteħdux" lanqas dawk ta' madwaru. Il-ġenituri u l-għalliema qegħdin fuq quddiem f'din il-battalja. Fil-fatt l-istatistika turi li l-biċċa l-kbira ta'dawk li jieħdu d-droga huma ta'età żgħira, u li qed jibdew dejjem iżjed kmieni, fil-bidu ta' l-adolexxenza, jekk mhux ukoll qabel.

F'ħafna każi jibdew b'sempliċi kurżità, biex juru li kibru, għax iħajruhom sħabhom; u nafu kemm il-ħbieb huma importanti fil-ħajja taż-żgħażagħ. Imbagħad ikomplu għax jidhrilhom li d-droga toffri soluzzjoni għall-problemi, għall-inkwiet u għad-diffikultajiet. Li din mhix soluzzjoni imma ħarba mir-realtà li ġġib magħha problemi u tbatija ħafna ikbar, jindunaw aktar tard, meta jsiru dipendenti, isiru ruħhom skjavi ta' dik is-sustanza li teqred kull forma ta' ħajja.

L-aħjar prevenzjoni kontra d-droga, mela, hi li tgħallem liż-żgħażagħ kif ikollhom fiduċja fihom infushom, biex jiffaċċjaw id-diffikultajiet, żgħar u kbar, tal-ħajja. Jinħtieg nagħtuhom attenzjoni u mħabba kontinwament, sabiex meta jiġu fuqhom mumenti ta' nkwiet jew biża' jirrikorru għand persuna li tifhimhom u mhux għad-droga.

Ir-raġunijiet li jistgħu jġibu inkwiet jistgħu jkunu ħafna: xi wħud jiġu minn sitwazzjonijiet veri ta' diffikultà ekonomika jew soċjali (bħalma huma l-qgħad jew l-emarginazzjoni). Is-soċjetà kollha kemm hi għandha d-dover li għal dawn il-problemi, ħżiena fihom infushom, apparti d-droga, tinstab soluzzjoni.

Raġunijiet oħra jistgħu ikunu psikoloġiċi, u jitnisslu mill-karattru ta' dak li jkun: mistħija, nuqqas ta' kapaċità li jikkomunika ma' l-oħrajn, opinjoni baxxa tiegħu nnifsu. F'każi bħal dawn, il-qraba ta' persuna li tinsab f'diffikultà jistgħu jgħinuha billi jifhmuha u jħobbuha.

Meta nitkellmu fuq iż-żgħażagħ, irridu nżommu quddiem għajnejna li għalihom l-anzjetà u l-inkwiet huma kondizzjonijiet normali ta' din l'età. Iż-żagħżugħ la hu tifel u l-anqas adult. F'din il-fażi tal-ħajja wieħed ikun irid isib triqtu billi jirribella kontra l-ġenituri tiegħu, li kienu għalih il-wens tat-tfulija li minnha huwa jkun irid joħroġ. Imma hu jkun għadu jħoss il-biża' mir-responsabbiltà u mis-solitudni, li huma l-karatteristiċi ta' meta wieħed jikber. Din hi kondizzjoni naturali li għaddejna minnha lkoll kemm aħna, u li jrid jgħaddi minnha kulħadd. Dan hu mument ta' dgħjufija li fih id-droga taħsad il-vittmi tagħha faċilment.

L-ewwel pass biex wieħed jiffaċċja problema u jsolviha jibqa' dak li jagħraf x'inhi sewwa sew. Fuq id-drogi spiss isir ħafna diskors u ħafna drabi min jitkellem ma jkunx jaf verament x'qed igħid. Għalhekk ħafna nies għandhom informazzjoni ta' fuq fuq, u jirrepetu biss dak li jkunu semgħu. Id-drogi, bħas-sustanzi kimiċi kollha, meta jiġu użati jipproduċu effetti preċiżi. Ma nistgħux naqbdu u niddeċiedu jekk ħaġa tagħmilx ġid jew ħsara skond x'jidhrilna jew bl-istint. Dan inkunu nafuh skond ir-riżultati tar-riċerka fil-laboratorju u skond l-esperjenza tat-tobba u tal-ispiżjara fil-kura.

L-iskop ta' dawn il paġni hu li jagħtu lill-qarrej informazzjoni bażika u korretta biex isir jaf x'inhuma d-drogi, biex jagħraf l-effetti u s-sintomi tagħhom, u biex ikun kapaċi jiffaċċja l-problemi bil-kalma u mhux bħal min ma jifhimx.

***Id-Droga:***
***tajjeb li titkellem fuqha biex toqgħod attent jekk tiltaqa' magħha.***

***Id-Droga:***
***Tajjeb li titkellem fuqha biex tgħin lil ħaddieħor jiqfilha.***

***Id-Droga:***
***L-ewwel pass biex tirbħilha hu li tkun taf dwarha.***

## X'INHUMA D-DROGI?

Din hija mistoqsija li tidher banali imma hi fondamentali. Il-kelma droga tfisser is-sustanzi psikoattivi kollha, jiġifieri dawk li jaħdmu fuq is-sistema nervuża ċentrali u jibdlu l-bilanċ fiżiku u mentali tal-ġisem. Hemm ħafna sustanzi ta' dan it-tip: xi uħud jintużaw liberament, mingħajr l-ebda kontroll mill-awtoritajiet sanitarji jew tal-liġi, bħan-nikotina (li tinsab fit-tabakk), l-alkoħol u l-kafeina (li tinsab fil-kafe u fit-te). Oħrajn huma inkluzi fil-lista tal-mediċini kkontrollati u jistgħu jiġu wżati biss għal għanijiet ta' kura taħt is-supervizjoni tat-tobba u l-ispiżjara, bħalma huma l-kalmanti (ez. benzodiazepines) u n-narkotiċi (ez. morfina). Meta nsemmu l-użu tad-droga aħna nifhmu fil-fatt l-abbuż, jew aħjar l-użu ħażin tas-sustanzi psikoattivi li jittieħdu minn persuna mingħajr riċetta tat-tabib u mingħajr is-supervizjoni ta' l-ispiżjar, għal għanijiet li mhumiex ta' kura tal-mard.

Dawn is-sustanzi, jekk jittieħdu spiss għal ċertu perijodu ta' żmien jistgħu jindraw mill-ġisem, jiġifieri biex tħoss l-istess effett bħall-ewwel darba jkollok tieħu doża dejjem iżjed qawwija. Min jieħu d-droga u jidraha ma jkunx jista' jgħix mingħajrha. Aktar ma jgħaddi z-zmien aktar ikun irid jieħu spiss minn din is-sustanza u jżid il-kwantità. Din hi d-dipendenza fuq id-droga. Fil-fatt nistgħu nagħmlu distinzjoni bejn dipendenza fiżika u dipendenza psikoloġika (fil-moħħ). Biss, tajjeb wieħed jiftakar li s-sintomi tal-waħda u ta' l-oħra jingħaqdu u jirkbu fuq xulxin sa ma jizviluppaw f'marda kerha.

Id-dipendenza fiżika tfisser li jkun hemm tibdil fl-istat tal-ġisem b'mod li dan ma jkunx jista' jaħdem mingħajr din is-sustanza barranija. Jekk din is-sustanza titwaqqaf f'daqqa, ikun hemm sintomi qawwija ("with-drawal") li jiddependu mill-qawwa tad-droga li wieħed kien qed jieħu. Per ezempju, t-twaqqif ta'l-eroina jġib uġiegħ kbir. Id-dipendenza psikoloġika hi iżjed fina u perikoluża, għax tibqa' anki wara li l-ġisem ikun tnaddaf. Tibqa' tinħass il-kilba, weġgħat, spażmi, taħwid u dwejjaq u l-individwu jkun konvint li ma jistax joqgħod mingħajrha. Kultant, meta din il-kilba tkun kważi ntrebħet, l-iċken diffikultà jew problema jew tentazzjoni jwaqqgħu lil dak li jkun għax ma jkunx kapaċi jirreżisti, u ċ-ċiklu ta' l-abbuż jerġa' jibda. Għalhekk min ikun dipendenti fuq id-droga jkollu bżonn l-għajnuna permezz ta' kura xierqa minn persuni kkwalifikati. Dawn ikunu nies speċjalizzati li jieħdu ħsieb id-drogat tul il-perijodu neċessarju tar-reintegrazzjoni fil-ħajja normali.



*Iż-żona prinċipali fejn jipproduċu l-opium, il-koka u l-kannabis, u r-rotot tat-traffiku tan-narkotiċi. Fl-Ewropa t-traffikar tal-eroina qegħda tiżdied mill-Ewropa tal-Lvant minħabba t-taħwid f'dik li kienet il-Jugoslavja. L-Ewropa qiegħda ssir mira aktar attrajenti għat-traffikanti tal-kokaina peress li l-prezzijiet fl-Ewropa żdiedu aktar minn dawk tal-Istati Uniti tal-Amerka u l-kontrolli tal-konfini bejn il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja tnaqqsu.*

## IL-KANNABIS

CANNABIS SATIVA hu l-isem botaniku tal-qanneb Indjan, xitla twila annwali b'weraq tawwalin bil-ponot u bellusin, u bi pjanti maskili u femminili. Dan it-tip ta' qanneb, li jikber fil-klimi temperati fid-dinja kollha, ilu magħruf mill-bniedem xi sitt elef sena.

Il-fibri b'saħħithom ta' dik ix-xitla jintużaw biex jinħadem l-ispag, l-ixkejjer u l-ħbula; iż-żerriegħa tagħha (sterilizzata) tinbiegħ bħala ikel għall-għasafar; iż-żejt tagħha hu ingredjent għaż-żebgħa, u miljuni ta' persuni jpejpu l-weraq u l-fjuri mnixxfa għall-effett li tħalli fuq il-moħħ. Il-pjanta tal-kannabis tista' tilħaq l-għoli ta' tliet metri u nofs u tikber l-aktar fiż-żoni subtropikali. L-Afrika ta' fuq, l-Asja Sudorjentali, il-Lvant Nofsani, xi żoni fl-Amerika Latina, il-Gamajka, il-Hawaj, il-Kalifornja huma fost l-aqwa żoni tal-produzzjoni tagħha.

Fil-weraq u fil-fjuri tal-kannabis tinsab is-sustanza attiva l-aktar qawwija tax-xitla. Din is-sustanza, id-delta-9-tetrahydrocannabinol jew THC, tħalli effetti fuq is-sistema nervuża. L-effetti tagħha jistgħu jkunu kemm stimulanti (eċċitanti), kemm depressivi. F'dożi qawwija għandha effett alluċinanti. Ġeneralment il-kontenut ta' THC fil-weraq u fil-fjuri hu bejn il-wieħed u l-erbgħa fil-mija (1% - 4%) skond il-kondizzjonijiet ambjentali u l-varjetà tax-xitla. Il-kannabis salvaġġa titqies ta' kwalità nferjuri peress li għandha perċentwal ta' THC baxx: is-soltu jkun inqas minn 0.5% iżda fil-pjanti kkultivati t-THC ivarja bejn 0.5% u 7%, u jilħaq anki l-20% f'ċerti varjetajiet.

## IL-KANNABIS FIL-MEDIĊINA

Xi snin ilu r-riċerki wrew li t-THC jista' jkun utili fil-kura tal-glawkoma. Biss hemm ħafna sustanzi oħra li m'għandhomx l-effetti ħżiena li għandha t-THC. Saru wkoll riċerki biex jinstab hux possibbli li jkun prodott derivat sintetiku tat-THC għall-kura ta' l-ażma. Madankollu studji iktar fil-fond urew li dan iġib irritazzjoni fil-pulmuni li tħassar kull effett ta' ġid li jista' jkollu dan il-prodott sintetiku. Riċerki oħra wasslu għall-kisba u l-użu ta' prodott sintetiku li fih it-THC biex jiġi kkontrollat id-dardir u r-riġettar ikkaġunati mill-kemoterapija li tingħata lill-morda bil-kanċer. Din hi mediċina sperimentali li hemm bżonn li tkun ittestjata sew qabel ma tiġi wżata minn ħafna nies.

## IL-KANNABIS "TAT-TRIQ"

Fis-suq illegali jinstabu għall-bejgħ tliet tipi ta' droga li jitnisslu mill-kannabis: il-marijuana, il-hashish (ir-raża) u ż-żejt tal-hashish. Dawn is-sustanzi huma nkluzi fil-listi tas-sustanzi kkontrollati u l-użu tagħhom hu pprojbit bil-liġi. Il-marijuana, li ħafna jsejħulha "ħaxixa", hi l-iżjed prodott komuni tal-kannabis, u għandha l-iċken konċentrazzjoni ta' THC: fil-fatt il-marijuana mhix ħlief frak tal-weraq u l-fjuri mnixxfin. Tintuża l-iżjed fit-tipjip billi titrembel bħal sigarett ("il-joint"). Tista' wkoll titpejjep fil-pipa. Kultant il-joint isir minn marijuana u tabakk tas-sigaretti biex jaqbad bil-mod u aktar regolari.

Il-"joints" spiss ipejpuhom fi grupp, kull wieħed jgħaddih lil ta' ħdejh. Il-loqom jerfgħuhom u jerġgħu ipejpuhom. Peress li l-



*Ix-xitla tal-kannabis sativa u fuq, il-fjuri li fihom it-THC*



marijuana mhix fina, il-joints jaħdmuhom b'karta tas-sigaretti aktar ħoxna (lubretti). Jiġu rrumblati bl-idejn u jagħlqu tajjeb it-truf biex ta' ġewwa ma joħrogx. Id-duħħan tal-joints għandu riħa tipika li tagħti fil-ħelu bħal dak ta' ħabel tal-qanneb jaqbad. Għalhekk ħafna drabi meta jpejpu joint, jaħarqu l-inċens biex jgħattu r-riħa.

Il-joint hu għal ħafna żgħażagħ il-bieb tal-vizzju tad-drogi. Huma jiġu mħajra minn sħabhom ta' l-istess età (aħwa, ħbieb antiki jew ġodda). Din hi l-iżjed kawża komuni għaliex jibda t-tipjip tal-ħaxixa. Ħafna żgħażagħ, mingħajr ma jaħsbu fir-riskji għall-moħħ u għall-ġisem, jaċċettaw b'eċċitament il-joint biex jidħlu fil-grupp u jiġu aċċettati.

*Il-"Ħbejżiet" tal-Hashish qed jiġu mnixxfa u ppressati f'laboratorju fil-beraħ.*



Skond ir-riżultati ta' ħafna inkjesti, iż-żgħażagħ li jibdew ipejpu t-tabakk u jixorbu l-alkoħol għandhom riskju ikbar li jċedu għat-tentazzjoni li jippruvaw il-marijuana u d-derivati l-oħra tal-kannabis: ir-raża (il-ħashish) u z-żejt tagħha. Dawn iż-żewġ prodotti qed isiru dejjem iżjed popolari, bejn għax huma iżjed qawwija, u bejn għax jieħdu inqas spazju biex jintrefgħu u għalhekk ikun iżjed faċli li jitmexxew.

Ir-raża hi r-reżina kannella skur li titnissel meta tinqata' r-ras tal-kannabis. Il-ħalib li joħroġ jingabar, jitnixxef u jiġi ppressat fi blokka forma ta' maduma jew ħobża. Fit-triq, ir-raża jew ħashish tinbiegħ f'forma ta' blokka ta' diversi daqsijiet li titpejjep imfarrka mat-tabakk.

Laboratorji klandestini għall-produzzjoni taż-żejt tal-ħashish jinstabu fl-Afrika ta' fuq, fl-Ewropa, fl-Istati Uniti, fl-Amerika Ċentrali u t'Isfel, fil-Lvant Nofsani, fl-Indja u fl-Afganistan.

Biex tieħu 5 litri ta' żejt, li jkollu 80% ta THC, ikun meħtieġ bejn wieħed u ieħor 80 kilogramm ta' kannabis. Il-prodott hekk ikkonċentrat huwa perikoluż ħafna. It-THC ivarja minn 30% sa 90%, meta mqabbel mat-2% jew l-aktar 10% tal-joints tradizzjonali. Tista' tgħid li jekk sigarett jitpejjep wara li jindilek b'dan iz-żejt jista' jdewweb il-moħħ fil-veru sens tal-kelma.

## MIN IPEJJEP IL-KANNABIS X'JIĠRILU U KIF TAGĦRFU ?

Wara li wieħed ikun pejjep il-kannabis ikun iżjed fuq ruħu mis-soltu, jitkellem igħajjat u jidħak bix-xejn. Wara jaqa' fuqu ngħas u għajja meta jibda jgħaddi l-effett. L-għajnejn jiħmaru, u f'ċerti każi l-ħabba ta' l-għajn tikber, u għalhekk min ipejjipha jilbes spiss in-nuċċali tax-xemx iswed anki ġewwa, biex jaħbi. It-taħbit tal-qalb u tal-polz jgħaġġlu u jkun hemm nixfa fil-ħalq u l-griżmejn. Isir

tibdil anki fis-sensi; per ezempju fil-vista, is-smiegħ, ix-xamm, il-mess u t-togħma jsiru iżjed akuti. Iżjed ma tkun qawwija d-doża, iżjed l-effetti jkunu qawwija. Il-burdata ta' min ipejjep il-kannabis tinbidel minn persuna għal oħra. Wieħed iħossu kalm, ieħor jibda jtaqtaq, ieħor iħossu mħawwad, mimli b'sensazzjonijiet li malajr jinbidlu u ħsibijiet koroh. Xi wħud isiru qishom "zombies", "imdamdmin", "spissjati". Dożi qawwija jistgħu jġibu bidliet fil-vista, it-telf ta' l-identità, dellirji u alluċinazzjonijiet.

L-ewwel effetti tat-THC jinħassu ftit minuti wara t-tipjip u jilħqu l-quċċata bejn 10 u 30 minuta wara. Dawn l-effetti jdumu sagħtejn jew tliet sigħat skond il-qawwa tat-THC. Wieħed li jkun għadu kif pejjep "joint" jista' jkun li jirnexxilu jaħdem izda jkun diffiċli biex iqis il-ħin u l-ispazju. Għalhekk ikun perikoluż li tinsaq karrozza jew jitħaddem makkinarju. Jiġru ħafna dizgrazzji tat-traffiku minħabba n-nuqqas ta' koordinazzjoni fil-moviment, nuqqas ta' kalkolu u ta' riflessi. Li wieħed isuq taħt l-effett tal-kannabis huwa dejjem perikoluż u jkun ħafna iżjed jekk mal-kannabis jitħallat l-alkoħol.

L-abbuż tal-kannabis huwa komuni ħafna. Ġie kkalkolat li fid-dinja jpejpuha ħafna għaxriet ta' miljuni. F'Malta bejn l-1988 u l-1993 tressqu l-qorti akkuzati b'reati konnessi mal-kannabis 363 persuna u ġew maqbuda ftit aktar minn 80 kilo varjetajiet ta' kannabis.

## L-EFFETTI FUQ IL-PULMUN

Id-duħħan tal-joint tal-marijuana (li s-soltu jinżamm fil-pulmun iktar fit-tul minn dak tat-tabakk) jagħmel ħsara fil-pulmun erba' darbiet aktar minn sigarett normali. Skond l-Istitut Nazzjonali Amerikan kontra l-Abbuż tad-Droga, id-duħħan tal-marijuana fih l-istess ingredjenti tat-tabakk li jistgħu jikkaġunaw bronkite kronika u anke l-kanċer. Naturalment meta jitħaltu ż-żewġ modi ta' tipjip, ir-riskju jikber.

Meta wieħed ipejjep il-kannabis, it-THC jiġi assorbit fix-xaħam ta' ħafna organi bħalma huma l-fwied, il-pulmuni, l-organi sesswali u l-moħħ. Id-differenza mill-alkoħol hi li l-ġisem ma jehlisx minnu malajr; dan jibqa' fil-ġisem sa ġimagħtejn (u f'ċerti każi sa xahrejn) wara. Għalhekk din is-sustanza dejjem tiżdied. Fi ftit kliem, meta wieħed ipejjep regolarment il-kannabis, is-sustanzi li jagħmlu ħsara u li jinstabu f'kull doża jiżdiedu fit-tessuti li fihom ix-xaħam, per eżempju il-moħħ, u jistgħu jġibu ħsarat fiżiċi. It-THC teħel man-nervituri kollha u timblokka l-messaġġi li jridu jgħaddu. Għalhekk il-persuna ssir bil-mod il-mod aktar "slow".

*Iż-żerriegħa tal-Kannabis sterilizzata tintuża bħala ikel għall-agħsafar. Il-weraq u l-fjuri mnixxfa huma l-Marijuana li titpejjep fil-joints. (taħt)*







*It-THC jiġi assorbit mill-apparat tan-nifs u dak tad-diġestjoni (fuq); xkejjer ta' trab tal-ħashish: kien maħsub biex jiġi mpejjep imħallat mat-tabakk.*

## EFFETTI FUQ IL-QALB

L-użu tal-kannabis jgħaġġel it-taħbit tal-qalb sa 50%, skond il-kwantità ta' THC li jkun fih il-joint. Min għandu ċirkolazzjoni ħażina jista jħoss uġigħ f'sidru bħal dak li jħoss min ipejjep ħafna tabakk, filwaqt li l-użu regolari jżid iċ-ċans ta' attakki tal-qalb.

## EFFETTI FUQ IS-SISTEMA IMMUNITARJA

Ir-riċerki fil-laboratorji fuq l-annimali juru li l-kannabis teqridilhom is-sistema immunitarja, jiġifieri l-kapaċità li għandu l-ġisem li jiġġieled kontra infezzjonijiet u tumuri. Il-bniedem għandu l-istess riskju.

## EFFETTI FUQ IL-FERTILITÀ MASKILI

Ir-riċerki juru wkoll, mingħajr ebda dubju, li n-numru tal-ispermatozoj (iż-żerriegħa tar-raġel) fl-isperma ta' rġiel żgħażagħ tonqos, skond il qawwa tal-kannabis. Instabu ukoll anormalitajiet fl-isperma ta' rġiel li pejpu l-kannabis għal żmien twil. Fortunatament, meta wieħed jieqaf ipejjep il-kannabis, il-livell ta' testosteroni (l-ormoni sesswali maskili li minnhom tiddependi l-produzzjoni ta' l-ispermatozoj) tigi lura għan-normal.

## EFFETTI FUQ IN-NISA

Il-Kannabis għandha wkoll effetti koroh fuq il-fertilità femminili. Meta mara tpejjep il-ħaxixa fit-tul u tiddeċiedi li toħrog tqila għandha taħseb fil-konsegwenzi serji li jista' jkollha fuq it-tarbija stess.

## EFFETTI FUQ IL-MOĦĦ

L-użu kroniku tal-kannabis jista' jkollu wkoll effett negattiv fuq il-ħeġġa u l-ambizzjoni. Il-persuna ssir "imdamdma", aljenata, tiċċaqlaq bil-lajma, tinsa fejn tkun qiegħda u lanqas biss tirrispondi meta jkellmuha. L-agħar ħaġa hi li lanqas biss tinduna li għandha problema.

B'hekk tasal għal dik il-forma fina ta' dipendenza psikika li ma titwemminx minn dawk li għadhom sal-lum isostnu li l-kannabis hi sustanza li tagħmel ħsara anqas mit-tabakk.



## IN-NARKOTIĊI

L-isem ta' narkotiċi juri li dawn huma ġejjin mill-"opium". Din hija sustanza li titnissel mill-"Papaver somniferum album" kif ukoll mill "opioids", li huma sustanzi sintetiċi. Dawn is-sustanzi għandhom effett fuq is-sistema nervuża, kemm ċentrali (il-moħħ u l-mudullun) kif ukoll fuq dawk periferiċi. Dawn iġibu bidliet fil-ġisem u fil-moħħ li jwasslu għad-dipendenza.

## MILL-PAPAVER GĦALL-EROINA

Il-biċċa l-kbira tal-opium prodott fid-dinja jiġi mill-papaver li jitkabbar fuq il-muntanji mifruxa tul in-naħa t'isfel ta' l-Asja kontinentali, mill-pjanuri għolja ta' l-Anatolja fit-Turkija sas-sottokontinent Indjan u l-muntanji mbiegħda tal-Birmanja (illum Mianmar), it-Tajlandja u Laos. Ftit minn dawn il-mixtliet huma legali. Kwantitajiet iżgħar ta' papaver jitkabbru bil-moħbi f'ċerti zoni tal-Messiku. F'xi pajjiżi Ewropej, il-peprina tigi kkultivata għall-użu farmaċewtiku, taħt kontroll strett ta' l-istat, bħalma jiġri għat-tabakk. Il-papaver imkabbar għas-suq illegali jinżera fil-ħarifa u fil-bidu tar-rebbiegħa fuq l-għoljiet, moħbi fost għelieqi taċ-ċereali jew mixtliet oħra legali.

Wara tliet xhur ix-xitla tikber mgħola bniedem u tiftaħ il-fjuri. Meta jitfarfru l-fjuri, il-kapsuli forma ta' bajda, għalkemm għad mhux misjurin, ikunu lesti biex jiġu mfella. Minnhom joħroġ ħalib bajdani li bil-mod jagħqad f'reżina kannella. Dan hu l-opium, li bil-paċenzja jinġabar bl-idejn u maħżun biex jinħadem meta tispiċċa l-ġabra. L-opium għandu riħa qawwija ta' ħlewwa li tixbaħ lil dik tat-tiben, li ddejjqek jekk ixxommha mill-bogħod u ddardrek mill-viċin.

L-opium mhux maħdum jiġi ppressat f'ballun u mgeżwer fil-weraq u wara fis-cellophane biex jibqa' umdu u fl-aħħar f'karta speċjali li minnha ma jgħaddix l-ilma. Issa r-riħa kwazi ma tinxtammx iżjed.

L-opium jixtruh it-traffikanti li jaħznuh f'laboratorji ta' kafkaf, mistoħbija qalb l-għoljiet jew f'bini iżolat, 'il bogħod minn għajnejn il-pulizija. Hemmhekk l-opium ipogguh taħt l-ilma, jiffiltrawh u jittrattawh b'dilwenti u b'hekk isir morfina tal-bażi. Il-morfina terġa' tigi raffinata permezz ta' prodotti kimiċi kummerċjali li faċli ssibhom fis-suq, u b'hekk issir l-eroina.

Ġeneralment minn ħames kili ta' opium jinġabar xi nofs kilo morfina tal-bażi u minn dan xi 150 gramm ta' eroina. Il-purezza ta' l-eroina tista' tasal sas-96% jew aktar, skond it-tagħmir tal-laboratorju.

## L-OPJATI FIL-MEDIĊINA

Kif diga'għidna, l-opium jiġi kkultivat u prodott anki legalment biex jitnisslu diversi alkalojdi li jiġu wżati biex isiru l-mediċini.

Fil-mediċina dawn l-alkalojdi jiġu wżati kontra l-uġigħ, biex jikkalmaw is-sogħla u biex iwaqqfu d-dijarrea.

Il-kodeina hi waħda mid-derivati l-iżjed komuni tal-opium. Peress li din tista' ġġib id-dipendenza, hija mediċina kkontrollata li ma tistax tingħata mill-ispiżjar mingħajr riċetta medika speċjali. Hija sservi biex ittaffi l-uġigħ u f'doża iżgħar biex tikkalma s-sogħla.

*Kwalitajiet differenti ta' eroina jimxu bil-kuntrabandu minn persuni (msejħa "bgħula") li jibilgħuhom magħluqin f'ovuli (pilloli) jew pakketti żgħar issiġillati.*






*Bħal fil-każ tal-prodotti legali, il-"Marka tal-Fabbrika" titwaħħal fuq il-pakkett ta' l-eroina li jintbagħtu lill-grossisti (fuq). Il-bdiewa li jkabbru l-peprina x'aktarx li ma jkunux jafu li huma l-ewwel ħolqa fil-katina tal-mewt.*

Il-morfina tintuża biex ittaffi l-uġigħ. Tant hi effettiva li kienet damet tintuża ħafna biex titkejjel il-qawwa ta' mediċini ohrajn li jtaffu l-uġigħ. Ġiet iżolata mill-opium fil-Ġermanja fl-1803. Wara l-introduzzjoni tas-siringi lejn nofs dak is-seklu, bdiet tintuża bl-injezzjoni. Waqt il-gwerra ċivili Amerikana intużat ħafna biex tnaqqset it-tbatija tal-feruti. Mingħajr ma jafu kif, xi 45,000 suldat saru dipendenti. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-morfina bdiet tintuża biex ittaffi l-uġigħat kbar akuti, bħal dak ta' wara operazzjoni, attakki tal-qalb u uġigħ tal-kanċer. F'kaz ta' uġigħ akut tintuża bħala injezzjoni u fil-kaz ta' mard kroniku bħala pilloli jew injezzjoni.

L-eroina, li hi derivat sintetiku tal-morfina, kienet giet prodotta fl-1898 minn industrja farmaċewtika Ġermaniza. Għalkemm hija aktar qawwija biex ittaffi l-uġigħ, instab li l-eroina ġġib dipendenza għaxar darbiet iżjed mill-morfina u għalhekk m'għadhiex tintuża fil-mediċina.



## L-EROINA TAT-TRIQ

L-eroina hija waħda mid-drogi l-iżjed imxerrda fis-suq ta' l-abbuż Malti. Organizzazzjonijiet kriminali kbar imexxuha fil-bliet kbar u żgħar ta' l-Ewropa, ta' l-Istati Uniti u tad-dinja kollha. It-traffikanti tad-drogi għandhom ħafna esperjenza u ma jaqtgħux qalbhom u huma lesti li jsofru xi telfa kultant. Jibagħtu d-drogi bl-art, bil-baħar u bl-ajru, mistoħbija f'merkanzija jew fl-istess ġisem tal-vjaggaturi. Dawn jissejħu "bgħula". Id-droga tinġarr ukoll kemm f'karrozzi u kemm f'containers jew f'pakketti li jidhru innoċenti.

Il-konsenji jkunu ġeneralment mibgħuta lil traffikanti kbar, li jaħsbu biex iħalltu l-eroina qabel ma titqassam lill-"pushers" biex b'hekk ikabbru l-qliegħ tagħhom. Kull wieħed minn dawn jirrepeti l-operazzjoni tat-taħlit ("tal-ikkattjar"), sakemm fl-aħħar il-prodott jasal għand il-bejjiegħ zgħir "tat-triq".

Mill-1988 sal-1993 f'Malta ġew maqbuda aktar minn sitt kili eroina. L-eroina li tinbiegħ fit-toroq hi trab qisha dqiq kannella jew abjad. Għandha togħma morra ħafna.

L-eroina tat-triq, kif għidna, qatt ma tkun pura, imma tkun imħallta ("ikkattjata") b'additivi u dilwenti varji, bħalma huma d-dqiq, it-terra, il-Bisto u z-zokkor. L-eroina li tasal għand il-grossista f'Malta jkollha purezza ta' bejn 40% u 60%, waqt li l-perċentwal tad-doża tat-triq hi madwar 6% jew 7 %, imma tista' tinżel sat-2 %, skond kemm-il darba tkun ġiet "ikkattjata" (imħallta).

Illum fl-Istati Uniti hemm tip ta' eroina pjuttost irħisa li tigi mill-Messiku. Din isejħulha "qatran" minħabba d-dehra sewdenija u li twaħħal qisha kolla. Dan għax il-proċess ta' raffinar tagħha hu iqsar, u jħalli ħafna mill-impuritajiet. B'hekk jinżamm il-prezz baxx, fil-fatt is-sustanza attiva hija ogħla milli fl-eroina tat-triq tradizzjonali.

Fil-waqt li l-eroina tradizzjonali tat-triq tiġi injettata fil-vini, "il-qatran" jiġi mpejjep.

Dan it-tip ta' eroina jeħduh l-aktar dawk li jieħdu l-kokaina u b'hekk jippruvaw jegħlbu d-depressjoni li jkollhom wara li jmorru l-effetti tal-kokaina. Hemm min jieħu kokaina u eroina mħallta (speedball) biex ikabbar l-effetti ta' din tal-aħħar. Dawn id-drawwiet ukoll daħlu f'Malta.

## MIN JIEĦU L-EROINA, X'JIĠRILU U KIF TAGĦRFU?

L-ewforija qawwija li taħkem lil min jieħu injezzjoni (daqqa) bl-eroina, għamlet din id-droga l-iżjed waħda popolari fost "l-addicts" Maltin. Dan l-effett jissejjaħ "rush," idum biss ftit minuti u warajh igib stat ta' mistrieħ u sens ta' kuntentizza li fih jisparixxi l-inkwiet u l-uġigħ. Dawn is-sensazzjonijiet iġiegħlu lid-drogat jirrepeti din l-esperjenza, izda bil-mod il-mod il-ġisem jidraħ, tikber it-tolleranza u jsiru tibdiliet fis-sistema nervuża; u biex iħoss l-istess effett ikollu juża doża dejjem akbar.

Maż-żmien l-eroina ssirlu bżonn essenzjali, u d-drogat ikollu jeħodha mhux biex tagħtih pjaċir imma biex ma jħossx l-uġigħ u disperazzjoni li jbati meta jkun mingħajrha. Meta wieħed jasal f'din is-sitwazzjoni jsir dipendenti mid-droga. "L-għodda" ta' min jieħu l-eroina hi kuċċarina li fiha jdewweb it-trab fl-ilma, siringa (bil-labra mhux dejjem sterilizzata), spaga jew ħabel, u citric acid jew lumi. It-toqob u l-marki tal-labar fid-dirgħajn jew f'partijiet oħra tal-ġisem huma sinjali komuni ta' l-abbuż ta' l-eroina. L-eroina tista' wkoll tittieħed mill-ħalq jew b'injezzjoni (daqqa) taħt il-ġilda (skin pop) imma l-effetti tagħha jdumu iżjed biex jinħassu u jkunu inqas qawwija. L-eroina tista' wkoll tittieħed min-nifs (snortjata).

Is-sintomi ta' l-abbuż tan-narkotiċi jinkludu: għajnejn ħomor u mdemmgħa, bil-ħabba ta' l-għajn daqs ponta ta' labra meta jkun għadu kemm ħa, jew kbira ħafna meta jkun "sick," imnieħer inixxi, u sogħla fl-intervalli bejn doża u oħra. F'ħafna każi min jieħu regolarment ikollu ħafna ħakk u jgħaddi minn fażijiet ta' bejn ngħas u qawmien. Jekk jieħu doża kbira jew qawwija wisq l-addict ma jirnexxilux jistenbaħ, il-ħabbiet ta' l-għajnejn isiru żgħar daqs ras ta' labra, il-gilda tiksaħ, tegħreq u ssir tagħti fil blu, in nifs jitbaxxa, il-pressjoni tinżel, l-individwu jaqa' f'koma u jista' wkoll imut. Din hija "l-overdose" li tant naqraw fuqha: il-persuna tkun ħadet kwantità ta' droga li l-ġisem ma jiflaħx għaliha. Ħadd qatt ma jista' jkun ċert x'perċentwal ikun fiha d-doża li jkun xtara, l-anqas jekk ikun l-iżjed espert. Dan għaliex dan l-għarfien jiddependi minn kemm-il darba d-droga tkun tħalltet (jew ġiet "ikkattjata") fil-katina tal-bejgħ. Ta' spiss il-vittmi ta' l-"overdose" jkunu dawk id-drogati li jkunu qed jippruvaw jaqtgħu l-vizzju u ma jkunux ħaduha għal ċertu żmien. Jekk dakinhar li jerġgħu jieħdu injezzjoni (daqqa) jieħdu doża daqs dik li kienu jieħdu qabel, ġisimhom ma jkunx jiflaħ għaliha iżjed, minħabba li tkun tbaxxiet fihom it-tolleranza għad-droga.

Mhux kulħadd jaf li teżisti mediċina kontra l-eroina li hi kapaċi twaqqaf l-effetti tagħha; jisimha "Naloxone". Meta din il mediċina tigi njettata f'persuna "b'overdose", iġġib lura n-nifs normali, toħroġ il-pazjent mill-koma u teħilsu mill-mewt.

Kull min jieħu l-eroina jinsab fil-periklu li jieħu l-virus HIV li jwassal għall-AIDS jew l-epatite (hepatitis B) jekk juża, kif jagħmlu l-biċċa l-kbira, il-labar użati ta' ħaddieħor.





*L-eroina tittieħed mill-vini jew min-nifs (fuq). Il-"qatran" Messikan, il-kwalità qawwija ta' eroina li hi mxerda ħafna fl-Istati Uniti.*



*L-eroina li tinbiegħ fl-Ewropa hi sustanza qisa dqiq li qatt ma tinbiegħ fi stat pur, imma tiġi mħallta ma' affarijiet oħrajn.*

Għall-istess raġuni jistgħu jittieħdu infezzjonijiet fil-qalb, fid-demm, fil-fwied, fil-moħħ u fil-pulmuni. Is-sustanzi tat-taħlit, minnhom infushom, jistgħu jġibu mard gravi ħafna, per eżempju trombożi fil-vini.

## IT-TRIQ TWILA LURA

Is-soltu bejn tmienja u tnax-il siegħa wara l-aħħar doża, id-drogat jibda jħoss is-sintomi tal-"withdrawal syndrome". Il-qawwa ta' dawn is-sintomi tiddependi mill-individwu, mid-droga li jkun qiegħed jieħu u minn kemm ikun ilu jeħodha. Jekk ma jihux iżjed eroina, dawn is-sintomi jiżdiedu fis-36-72 siegħa ta' wara. Din hi marda vera, b'uġigħ qawwi fil-muskoli li jinħass spiss u li jġib spażmi, fwawar jalteraw ma' rogħda, dardir (nawsea), aġitazzjoni, brim fiz-zaqq u dijarrea. Sintomi oħra ta' din il-krizi huma nervi, nuqqas ta' aptit, nuqqas ta' rqad, titwib, għaraq kbir u għatis kontinwu. Sintomi bħal dawn ibattu bil-mod fi żmien ġimgħa jew għaxart ijiem, imma n-nuqqas ta' rqad u l-bżonn iddisprat tad-droga jibqa' jinħass anki xhur wara.

Waqt il-"withdrawal syndrome" tinħtieġ kura tat-tabib għax id-drogat la jieħu ħsieb jiekol u lanqas jagħti każ ta' saħħtu in ġenerali. L-uniku nkwiet li jkollu jkun kif se jissoddisfa l-bżonn tal-eroina, u ma jzomm lura minn xejn biex jeħodha. Saru anki ħafna tentattivi ta' suwiċidju waqt kriżijiet bħal dawn.

Fiċ-ċentru ta' diżintossikazzjoni fl-isptar, it-tobba jistgħu jagħtu xi mediċini biex itaffu t-tbatija waqt il-kriżi.

Fost il-mediċini l-iżjed magħrufa hemm il-"Methadone". Dan huwa opium sintetiku li nħadem għall-ewwel darba fil-Ġermanja fit-Tieni Gwerra Dinjija. Dan jipproduċi effetti bħal dawk ta' l-eroina. Għalhekk lid-drogat tevitalu s-sintomi tal-kriżi. Il-Methadone jittieħed mill-ħalq f'dożijiet li jitnaqqsu ftit ftit, u b'hekk il-ġisem jitnaddaf fi ftit gimgħat mingħajr is-sintomi koroh tal-kriżi. Meta jispiċċa l-kura l-pazjent ma jħossx iktar il-bżonn fiżiku li jieħu d-droga izda jekk jittieħed fit-tul il-Methadone jwassal għad-dipendenza wkoll, avolja iżjed bil-mod mill-eroina.

Ladarba tkun integħlbet id-dipendenza fiżika jibqa' li tintrebaħ id-dipendenza psikoloġika. Din tfisser li wieħed ikun jista' jgħix ħajja normali mingħajr ma jieħu sustanzi barranin biex jevita xi diffikultajiet jew inkwiet, anki l-iżgħar, li jistgħu jinqalgħu fil-ħajja ta' kuljum. Din hi triq iżjed twila u tqila li wieħed irid igħaddi minnha, bl-għajnuna ta' professjonisti f'diversi oqsma f'ċentri ta' kura u bil-parteċipazzjoni tal-familjari.



## L-ISTIMULANTI

L-istimulanti huma sustanzi psikoattivi li jgħaġġlu l-attività tas-sistema nervuża ċentrali u jagħtu idea falza, lil dak li jeħodha, ta' kemm ikun b'saħħtu u kemm ikun jiflaħ. Meta jieqfu l-effetti tagħhom dak li jkun jaqa' fi dwejjaq u telqa kbira.

Iż-żewġ stimulanti ħfief, l-aktar komuni, it-tnejn aċċettati mis-soċjetà u mingħajr ebda kontroll, huma n-nikotina, li tinsab fit-tabakk, u l-kafeina, li tinsab fil-kafe u fit-te. Barra minn dawn jeżistu stimulanti iżjed qawwija li proprju għalhekk huma kkontrollati: dawn huma l-amfetamini, il-metamfetamini u, l-iżjed waħda qawwija fosthom , il-kokaina.

Xi wħud mill-istimulanti kkontrollati, e.g. dexamphetamine, jistgħu jinkisbu mingħand l-ispiżjar bir-riċetta tat-tabib, imma sfortunatament xi wħud jabbużaw minnhom u jixtruhom fil-"black market".

## IL-KOKAINA

Il-kokaina hija s-sustanza attiva prinċipali li tinsab fil-weraq tax-xitla tal-koka (erythroxylon coca). Din tikber fuq il-ġnub tal-muntanji Andi fl-Amerika t'Isfel, fl-Ekwador, il-Kolombja, il-Bolivja, il- Peru, iċ-Ċili u l-Brazil. Il-quċċata tax-xitla tinżabar meta tilħaq l-għoli ta' metru jew tnejn biex titħaffef il-ġabra tal-weraq li ssir diversi drabi fis-sena, peress li din hi xitla dejjem ħadra.

Għal ħafna sekli l-Indjos kienu jomogħdu l-weraq tal-koka jew jixorbu l-ilma tat-togħlija tagħha (bħat-te) biex itaffu l-uġigħ muskolari u t-tbatija jew biex jissaportu iżjed is-sigħat twal ta' xogħol iebes jew in-nuqqas ta' nutrizzjoni. Din id-drawwa għadha fosthom, imma f'dawn l-aħħar snin il-mixtliet baqgħu dejjem jikbru u minnhom qed toħroġ kwantità ta' kokaina fis-swieq illegali ta' l-Istati Uniti u l-Ewropa.

Il-kokaina tiġi prodotta b'metodi mhux irfinati imma effiċjenti. Kwantitajiet kbar ta' weraq jiġu mitfugħa f'bettija jew f'ħofra fl-art jew f'meħriez komuni u jitħalltu b'dilwenti (x'aktarx pitrolju li jkun faċli li wieħed isibu anki fis-swieq ta' l-irħula) biex issir speċi ta' għagina u li wara tiġi ttrattata bl-ispirtu tal-melħ, biex jiġu eliminati l-impuritajiet u sustanzi kimiċi oħra żejda. Meta l-proċess ikun lest wieħed ikollu l-kloridrat tal-kokaina f'forma ta' trab kristallin, abjad u bla riħa li jilħaq grad ta' purezza ta' 90-100 %. Dilwent ieħor użat fil-proċess tal-purifikazzjoni hu l-benzene, sustanza li ġġib il-kanċer li x'axtarx hi waħda mill-kawzi tal-lewċemija.

## IL-KOKAINA FIL-MEDIĊINA

Il-kokaina pura ġiet iżolata għall-ewwel darba fl-1880 u ġiet użata bħala anestetiku fl-operazzjonijiet ta' l-għajnejn, b'riżultati ħafna aħjar minn dawk li kienu jafu bihom dak iż-żmien. Il-kokaina nstabet utli ħafna anki fl-operazzjonijiet ta' l-imnieħer, tal-grizmejn u tas-snien. Barra li tagħlaq il-vini u l-arterji, tgħin biex tevita l-emoraġiji. Meta bdiet il-produzzjoni industrijali tal-mediċini u tax-xorb, dehru fis-suq ħafna prodotti li kien fihom estratti tal-koka: ingwenti, suppożitorji, mustardini għall-grizmejn, xiroppi u sigaretti.

L-iżjed prodott famuż fosthom kien il-Coca-Cola. Din ix-xarba kienet ħarġet fis-suq fl-1886. Iżda fl-1903 ix-xiropp tal-koka tneħħa minn fost l-ingredjenti tagħha. L-entużjażmu tal-bidu għall-kokaina malajr spiċċa meta

*Il-kokaina li tittieħed mill-imnifsejn, (li tiġi "snortjata") hi sustanza kristallina; hu rari li tiddewweb fl-ilma u tittieħed b'"daqqa" (injezzjoni).*





*Il-kokaina tista' tidħol fl-organiżmu mill-vina, mill-imnifsejn jew mill-pulmun (fuq). Ix-xitla tal-kokaina tikber is-sena kollha u tinħasad ħafna drabi fis-sena.*

bdew ħerġin l-effetti ħżiena li bdiet tħalli, bħad-dipendenza, li bdiet iġġib fuq ħafna nies u l-periklu kbir ta' mewt f'każi ta' użu ħazin. Fl-1905 saret sustanza kkontrollata. Illum xi mediċini sintetiċi, bħalma huma n-novokaina u l-prokaina, li huma inqas perikolużi, ħadu post il-kokaina fil-prattika tal-mediċina.

## IL-KOKAINA TAT-TRIQ: IR-REĠINA TAD-DROGA "CRACK"

Il-kokaina prodotta illegalment fl-Amerika t'Isfel tintbagħat fl-Istati Uniti u dan l-aħħar fi kwantitijiet dejjem akbar anki lejn l-Ewropa. Bħal fil-każ ta' l-eroina, it-traffikanti jinqdew b'kull mezz ta' trasport u dejjem jivvintaw biex jingannaw il-pulizija. Fost il-metodi ta' trasport li ma jitwemmnux insibu l-kurrier li jibla' kapsuli ssiġillati li jkun fihom is-sustanza pura. Wieħed mill-ewwel każi li nkixfu kien f'Miami, Florida, meta tliet passiġġieri fuq ajruplan li wasal mill-Kolombja mietu zoptu meta kienu ħerġin mid-dwana. L-awtopsja uriet li kienu belgħu bejn 27 u 75 ovuli mimlijin kokaina, fiduċjuzi li ma kien ser jiġrilhom xejn u li s-sustanza kienet ser tgħaddi mill-ġisem biex wara tinħadem u titqassam. Minflok, l-ovuli nfetħu fl-imsaren u l-kwantita enormi ta' kokaina li ħarġet f'daqqa fl-organiżmu kkawżat il-mewt zoptu b'kollass respiratorju.

Qabel ma tasal fit-triq il-kokaina titħallat ma' diversi sustanzi, li fosthom insibu z-zokkor, glucose, phenobarb u amfetamini. M'hemm ebda kontroll fuq il-kwalità. Kif għidna qabel, il-kokaina titħallat ukoll ma'l-eroina f'"snowball", taħlita li tista' toqtol ta' drogi stimulanti u rilassanti.

Ġew irrappurtati ħafna każi ta' allerġiji għas-sustanzi tat-taħlit, kif ukoll każi ta' infezzjoni u mard ikkawżati minnhom.

Il-kokaina qed issir dejjem iżjed popolari fost drogati ta' kull livell soċjali u ekonomiku minħabba li ħafna nies jaħsbu li din id-droga ma tagħmilx aktar ħsara mill-alkoħol u mit-tabakk. Dan mhux minnu, u minn studji li saru dan l-aħħar fuq l-annimali jidher li l-kokaina ġġib dipendenza tliet darbiet iżjed mill-eroina. M'hemmx dubju li min jibdiha ma jridx wisq biex jaqa' taħt is-seher ta' droga hekk qawwija u pjaċevoli.

Il-metodu tradizzjonali biex tieħu l-kokaina hu mill-imnifsejn, jiġifieri li xxomm bil-



qawwa t-trab. Skond ritwal preċiż jitqiegħed fuq xi ħaġa lixxa, bħal mera, f'linja ta' xi żewġ ċentimetri u li jittella' mill-imnifsejn permezz ta' biċċa karta mrembla.

Inqas komuni hemm il-metodu li biha l-kokaina tinħall fl-ilma u tiġi injettata direttament fil-vina. Din tħalli effetti aktar qawwija.

Il-kokaina tista' wkoll titbiddel f'kokaina bażi (li hi solida) u titpejjep permezz ta' pipa speċjali jew inkella billi titfarrak f'biċċiet żgħar u titħallat ma' tabakk u mbagħad titpejjep bħas-sigaretti. F'dawn il-każi tinħall f'temperatura x'aktarx baxxa u tinbidel f'gass li malajr jiġi assorbit fil-pulmuni u jidħol mill-ewwel fil-moħħ. Dan il-metodu hu l-iżjed perikoluż u dak li jwassal ghal dipendenza f'iqsar żmien għax l-effetti tal-kokaina huma intensi u jdumu biss ftit minuti. Id-drogat għalhekk jitħajjar jirrepeti dawk is-sensazzjonijiet li jkun ħass u d-dipendenza tidħol anki fi ftit gimgħat. Jeżistu diversi tipi ta' kokaina bażi imma l-iżjed waħda ppreferita, speċjalment fl-Istati Uniti, hu l-"crack", billi hu faċli biex jittieħed, u jinbiegħ bi prezzijiet baxxi ħafna, u għalhekk jappella għal bosta żgħażagħ. Barra minn dan, id-drogati jsostnu li t-tipjip tal-kokaina m'għandux il-perikli tal-injezzjoni, fejn hemm ir-riskju li jittieħdu L-AIDS, l-epatite u mard iehor minħabba l-labar infettati.

Mela l-"crack" huwa kokaina mibdula f'sustanza solida meta titħallat mal-bikarbonat tas-sodju, (baking powder), jew mal-ammonja u bl-ilma. Fil-proċess tal-bidla tintuża spiss anki l-lidokaina, sustanza sintetika li meta titpejjep mal-kokaina ġġib ħsara serja fis-saħħa ta' l-individwu.

Il-"crack" jixbah ħafna l-biċċiet żgħar ta' l-istokk jew frak tas-sapun. Kultant jinbiegħ bħala pilloli li minflok ma wieħed jiblagħhom ipejjiphom. Fil-fatt il-"crack" jitfarrak fit-tabakk u fil-marijuana u mbagħad ipejpuh bħal sigarett jew, iżjed faċli, bil-pipa. Xi whud ighidu li l-kelma "crack" ġejja mill-ħoss li jagħmel meta jitpejjep, oħrajn igħidu li sejħulu hekk minħabba s-sensazzjoni esplussiva li jagħti.

## MIN JIEĦU L-KOKAINA, X'JIĠRILU U KIF TAGĦRFU?

Iz-żmien neċessarju biex jinħassu l-effetti tal-kokaina wara li wieħed ikun ħadha jvarja skond kemm imdorri jeħodha, il-kwantità li



*Il-"crack", taħlita ta' kokaina solida u bikarbonat tas-sodju, waħda mill-iżjed drogi tal-biża' fis-suq illegali bħalissa.*

jieħu u l-metodu kif jeħodha. Bħala medja ddum tliet minuti jekk wieħed jeħodha mill-imnifsejn (tiġi "snortjata"), minuta waħda jekk tiġi injettata, u ftit sekondi biss jekk tiġi mpejpa biex tgħaddi mill-pulmuni.

Il-kokaina tipproduċi effetti speċifiċi. Meta tidħol fiċ-ċirkolazzjoni u tasal fil-moħħ, min jeħodha jħoss sensazzjoni qasira u intensa ta' pjaċir li warajha jiġi perjodu li fih jisparixxu d-dubji kollha u jikbru l-istima u l-fiduċja fih innifsu. Iħoss ruħu iżjed kreattiv, kompetenti, produttiv u b'saħħtu. Is-soltu taħt l-effett tagħha dan iġib ruħu b'mod eċċitat u jitkellem ħafna, ikun mifluġ b'attività u jżomm mill-irqad għal perjodi twal.

Mill-weraq tal-koka, li skond it-tradizzjoni tagħhom l-Indjos jomogħdu, titnissel waħda mill-iżjed drogi perikolużi ta' żmienna.



Għalkemm ħafna jieħdu l-kokaina darba fil, xi wħud isiru dipendenti. Dan isir għax wara din l-esperjenza ta' pjaċir tidħol sensazzjoni ta' nervi, irritazzjoni, dwejjaq, nuqqas ta' paċenzja u pessimiżmu li titneħħa b'doża oħra. It-tendenza hi li wieħed jinqabad f'ċirku vizzjuż ta' konsum kontinwu li jkun dejjem iżjed diffiċli joħroġ minnu. Jibda jirrikorri għal doża dejjem akbar u aktar spiss sakemm l-uniku interess li jkollu fil-ħajja jkun li jieħu d-doża li tmiss.

Wieħed mill-effetti ta' l-użu tal-kokaina li jidher mill-ewwel hu t-twessiegħ tal-ħabba ta' l-għajn u wħud ikollhom ħarsa ċassa. Togħla l-pressjoni tad-demm u l-qalb tibda tħabbat tgħaġġel. Meta titpejjep ikun hemm ħsara fiżika bħal uġiegħ tal-grizmejn, sogħla kronika u bili sewdieni. Min jeħodha mill-imnifsejn jista' jbati b'imnieħru miżdud jew iqattar, filwaqt li dawk li jeħduha regolarment issirilhom ħsara fil-ħajt tal-imnieħer. Min jieħu injezzjoni (daqqa) tal-kokaina bil-labra ta' ħaddieħor, kif ga'għidna, jirriskja l-epatite u l-AIDS.

Dawk li huma dipendenti mill-kokaina jonqsu fil-piż, iħossu ansjetà u jkollhom alluċinazzjonijiet: kultant jaħsbu li qed jisimgħu passi jersqu lejhom jew insetti jitkaxkru taħt il-ġilda. Individwi milquta b'effetti bħal dawn għandhom jiġu ttrattati b'attenzjoni kbira għax jistgħu jirreaġixxu bħal annimal imbeżża' u jattakkaw lil min ikun qed jipprova jgħinhom. Faċli jaqgħu f'manija ta' persekuzzjoni u peress li m'għandhomx kontroll fuq l-istinti tagħhom jistgħu jwettqu azzjonijiet vjolenti. Fil-fatt, id-dipendenza mill-kokaina tista' twassal għal mard tal-moħħ, paranoja u ħsibijiet ta' suwiċidju. L-ikbar periklu jiġi mill-kokaina mpejpa, għax l-effett tagħha hu vjolenti ħafna tant li ħafna milli ħadu "l-crack" mietu b'waqfien tan-nifs, konvulżjonijiet u attakki tal-qalb.

Fl-aħħar insibu periklu gravi ieħor li hu dak tat-trabi li jitwieldu minn ommijiet li jieħdu l-kokaina. Fl-Istati Uniti, fejn il-kokaina saret l-iżjed droga komuni, epidemija vera, hemm mijiet ta' eluf ta' trabi li ħafna minnhom imutu fl-ewwel xhur ta' ħajjithom b'attakki tal-qalb u ċirkolazzjoni ħażina, filwaqt li fost dawk li jibqgħu ħajjin qed jidhru ħafna tipi ta' mard u ħsara fil-moħħ. Huwa diffiċli ħafna li wieħed jipprova joħroġ mid-

dipendenza tal-kokaina. Dan l-isforz igib miegħu tbatija kbira. Il-pazjent ikollu jgħaddi minn perijodu ta' depressjoni kbira, li fih jitlef kull energija u kull aptit u jsib diffikultà fl-irqad. Bħal fil-każ ta' l-eroina, ftit jirnexxilhom joħorgu mill-vizzju, u jkun hemm bżonn ta' l-għajnuna ta' nies ikkwalifikati professjonalment.

## L-STIMULANTI SINTETIĊI: L-AMFETAMINI

Jeżistu sustanzi sintetiċi taħt forma ta' pilloli jew kapsuli, li jistimulaw reazzjonijiet tas-sistema nervuża ċentrali.

## L-UŻU FIL-MEDIĊINA

Hemm amfetamini li huma mediċini kkontrollati, li jistgħu jinkisbu mingħand l-ispiżjar bir-riċetta tat-tabib. Dawn jintużaw fil-kura tat-tfal iperattivi f'każijiet speċifiċi minħabba li jaffettwaw l-izvilupp ta' l-istess tfal. Bħall-amfetamini hemm id-"diet-hypropion" u phentermine li jintużaw biex inaqqsu l-ġuħ f'każi ta' ħxuna.

Iżda, apparti dawn il-benefiċċji, hemm ukoll it-tentazzjoni li ħafna jħossu biex jabbużaw mill-kwalitajiet stimulanti tagħhom. Fil-fatt l-amfetamini jħallu l-istess effetti tal-kokaina, kemm immedjati, kif ukoll fit-tul. Bl-amfetamini wieħed iħossu fuq ruħu u vivaċi; xufiera li jridu jsuqu matul l-lejl kollu, studenti li qed jippreparaw għal xi ezami, atleti li jridu jirbħu f'xi kompetizzjoni, persuni li jridu jogħlbu jħossu t-tentazzjoni li jeħduhom mingħajr ma jkun hemm bżonn mediku. U xi wħud jeħduhom ukoll sempliċement biex iħossuhom aħjar.

Għalhekk kwalitajiet ta' amfetamini prodotti legalment jinsterqu u jsibu triqthom fis-swieq illegali. Barra minn dan hemm laboratorji sigrieti li jipproduċu kwantitajiet kbar ta' imitazzjonijiet li t-tekniċi speċjalizzati biss huma kapaċi jidentifikawhom b'testijiet fil-laboratorji.

## MIN JIEĦU L-AMFETAMINI, X'JIGRILU U KIF TAGĦRFU?

Ftit wara li wieħed jibla' pillola tal-amfetamina jħossu fuq tiegħu u jaħseb ċar, jibda jitkellem ħafna u jipprova jirrispondi għal xi domanda saħansitra qabel ma jsaqsuhielu; ikun jidhirlu li jista' jirbaħ kull sfida u jsolvi kull diffikultà. Daqshekk problemi! Imma l-istudent li jrid jgħaddi ezami u l-atleta li jrid jirbaħ jistgħu jiskopru li dan l-abbuż iġib miegħu problemi veri. Il-prova ta' dan huma l-każi ta' mewt ta' atleti li kienu qed jieħdu sehem f'kompetizzjoni taħt l-effett tal-amfetamina.

L-amfetamini fil-fatt jistimulaw iċ-ċentri tal-moħħ. Il-qalb tħabbat iżjed u l-pressjoni

*Pilloli ta' amfetamini prodotti illegalment jiġu mqassma fil-black market mill-"pushers".*



togħla, mentri jonqos l-aptit u la tinħass għeja u lanqas jinħass in-ngħas. Imma meta jieqfu dawn l-effetti eċċitanti titlaq ukoll is-sensazzjoni li tista' ssolvi l-problemi kollha, wieħed jibda jħossu għajjien b'wiċċu juġgħu għax ikun dam jħezzez snienu. Jintebaħ li ilu ħafna ma jiekol u jorqod, imma xorta la jħoss ġuħ u lanqas ngħas. Imħawwad, għarqan, kwazi bla saħħa jħoss li għandu jibqa' jiċċaqlaq jew jirriskja kollass. U allura s-soluzzjoni l-iżjed sempliċi tidher li tkun li jerġa' jibla pillola oħra.

Meta l-kollass jasal (u llum jew għada dan jasal) wieħed iħoss is-sensazzjoni tat-twerwir li qed jitlef kull saħħa fil-muskoli, flimkien mas-sintomi simili għal dawk ta' l-influwenza : ħass ħażin, uġigħ ta' ras, dehxiet, ansjetà u stat ta' konfużjoni (il-"crash").

L-użu fit-tul tal-amfetamini jġib nuqqas ta' nutrizzjoni, mard tal-ġilda, ulċeri u nkonvenjenzi oħra li jiġu min-nuqqas ta' vitamini. Dożi qawwija u ta' spiss jistgħu jġibu ħsara fil-moħħ li jibdew jidhru meta wieħed jibda jħawwad fid-diskors u fil-ħsieb. Wieħed jista' jkollu anki alluċinazzjonijiet: jaħseb li qed jara jew jisma' xi ħaġa li ma teżistix; ikollu ħsibijiet irrazzjonali (delirju) u jaħseb li kulħadd imqabbad miegħu (paranoja). F'dawn il-każi hemm bżonn ta' prudenza kbira għax il-persuni f'dan l-istat iġibu ruħhom spiss b'mod vjolenti u aggressiv. Ħafna minn dawk li jieħdu l-amfetamini, jeħduhom f'ċerti okkażjonijiet biss, oħrajn isiru dipendenti. Din id-dipendenza psikoloġika fuq amfetamini hija kkaratterizzata minn xewqa u bżonn li tkompli teħodhom, u bil-konsum ta' dożi dejjem akbar.

Meta l-amfetamini, jittieħdu f'dożi kbar, iġibu t-tolleranza malajr u jwasslu għal dipendenza qawwija ħafna. Fil-mumenti meta ma jkunx taħt l-effett tas-sustanza, wieħed iħossu mdejjaq wisq u bla ħeġġa, imma xorta ma jirnexxilux jorqod. Biex isibu ftit tal-mistrieħ, ħafna jirrikorru għall-kalmanti, bħall-barbituriċi, li jġibu ngħas mhux naturali. Meta wieħed iqum mill-irqad, iħossu sturdut, u b'hekk isib l-iskuża biex jieħu pillola oħra ta' l-amfetamina biex iħossu aħjar. Apparti l-amfetamini, fis-suq illegali jinsabu għall-bejgħ stimulanti oħra ppreparati fil-laboratorji sigrieti, bħalma huma l-metamfetamini li nitkellmu fuqhom fil-kapitlu tad-"designer drugs".



*Il-kondizzjonijiet iġjeniċi li fihom tiġi ppreparata l-kokaina: ftit drogati jaħsbu f'dan meta jxommu (jisnortjaw) xi doża.*

## IL-PSIKEDELIĊI

Il-psikedeliċi jew alluċinogeni huma grupp ta' sustanzi psikoattivi li jaħdmu fuq is-sistema nervuża ċentrali u jġibu nuqqas ta' koordinament fil-ħsieb, taħwid fl-identità tal-persuna u taħwid fl-emozzjonijiet. L-akbar ħaġa hija li jkun hemm taħwid fis-sensi – li tisma' l-kuluri, u tara l-irwejjaħ!! Dawn is-sustanzi m'għandhom l-ebda użu fil-mediċina u huma perikolużi ħafna għax qawwijin ferm, anki f'dożi żgħar.

Wara d-dipressanti u l-istimulanti, il-psikedeliċi jiffurmaw it-tielet kategorija ta' sustanzi psikoattivi. It-THC tal-kannabis hu kklassifikat bħala psikedeliku, imma hu depressant u stimulant ukoll (ara l-kapitlu fuq il-kannabis).

Il-kelma psikedeliku tfisser "li jqalleb il-moħħ", mentri l-kelma alluċinogenu tfisser li tara, tisma' jew tħoss affarijiet li fil-verità ma jeżistux: dawn id-drogi proprjament ma jġibux alluċinazzjoni vera, bħal dawk ta' l-iskizofrenija (li taqta' għal kollox mir-realtà), imma viżjonijiet u sensazzjonijiet oħra mibdula ħafna imma li għandhom bħala bażi xi esperjenza reali. Il-biċċa l-kbira ta' dawn id-drogi jiġu prodotti f'laboratorji sigrieti. Xi wħud jitnisslu mix-xtieli. Il-laboratorji illegali jagħmlu pilloli, kapsuli, trab u likwidi li l-pushers jieħdu ħsieb ibiegħu f'elf forma. Per eżempju l-LSD ġie sekwestrat f'kubi taz-zokkor, biċċiet tal-karti żgħar, biċċiet żgħar tad-drapp, fil-kolla tal-bolli, f'karta assorbenti, transfers u stickers. Dan il-mod innoċenti kif jiġi pprezentat ibeżża' ħafna ġenituri, imma fil-fatt l-LSD hu destinat għal klijenti adulti, u l-iskop ta' din il-preżentazzjoni hu li jqarrqu bil-pulizija. Peress li l-LSD jittieħed mill-ħalq ikun biżżejjed li wieħed jilgħaq sticker jew bolla biex jieħu d-doża.

Is-sustanzi psikedeliċi kollha għandhom effetti simili fuq min jeħodhom. Id-differenzi li jsibu dawk li jkunu mdorrija jeħduhom jiġu mis-sitwazzjoni ta' meta jittieħdu u mill-kondizzjoni fiżika u mentali li jkun fiha min jeħodhom. Niddiskutu ftit l-effetti ta' l-LSD, il-psikedeliku l-iżjed magħruf, li jixbħu ftit jew wisq dawk tal-alluċinogeni l-oħra.




*Meta tqabbel id-daqs tal-pilloli ta' l-LSD ma' munita tinduna kemm hi qawwija din id-droga (fuq); il-psikedeliċi jaħdmu fuq is-sistema nervuża ċentrali.*

## MIN JIEĦU L-LSD 25, X'JIĠRILU U KIF TAGĦRFU?

L-LSD 25 hu sustanza kimika bla riħa, bla kulur u bla togħma, li jitnissel mill-aċdu lisergiku li jiġi minn fungus parassita tas-Secale cereale ("rye"). Dan jinbiegħ bħala likwidu jew trab. Ġie prodott għall-ewwel darba fl-1938 imma l-kwalitajiet psikedeliċi tiegħu nstabu biss fl-1946 meta wieħed kimiku bela' doża bi żball u telaq fuq vjaġġ alluċinoġenu li dam sagħtejn, u li fih ra serje ta' immaġni fantastiċi ta' vivaċità kbira f'bidla kontinwa ta' kuluri.

Doża ta' LSD likwidu, li bilkemm tgħatti ras ta' labra (bejn 50 u 200 mikrogramm) hi bizzejjed biex tkopri vjaġġ ta' bejn 8 u 16-il siegħa. Infatti l-LSD hu l-aktar psikedeliku qawwi li qatt intuża mill-bniedem. Jekk wieħed jieħdu ħafna drabi malajr jizviluppa t-tolleranza, u għalxejn iżid id-doża. Għalhekk min jieħu l-LSD iħalli ġranet igħaddu qabel ma jieħu doża oħra. Anki jekk ma jidhrux sintomi ta' dipendenza fiżika jibqa' bħal fid-drogi kollha r-riskju tad-dipendenza psikoloġika.



Min jieħu l-LSD iħoss, fi żmien siegħa, tibdiliet estremi fil-burdati u taħwid fil-vista;



*Stickers u biċċiet żgħar ta' drapp imxarrba bl-LSD likwidu kif jinbiegħu mill-pushers (fuq). Il-cactus peyote tal-Messiku, li minnu jieħdu l-meskalina (taħt).*

l-oġġetti jibda jarahom mgħawġin u jitħarbat fih għal kollox il-mod kif iqis iż-żmien u l-ispazju; ma jirnexxilux jagħżel bis-sens u ma jindunax b'perikli komuni u lanqas ma jagħraf l-affarijiet xi jfissru. Ir-realtà ta' ġewwa u ta' barra jitħalltu, u dak li jkun jitlaq fuq vjaġġ li hu fl-istess ħin go fih u barra minnu. Għalhekk, għall-ħabta tas-snin sittin, ħafna ħasbu li l-LSD kien jista' jiftaħ il-bibien ta' konoxxenza ikbar u ta' esperjenza spiritwali iżjed profonda. Is-sintomi fiżiċi jinkludu li l-ħabba ta' l-għajn tikber, it-temperatura tal-ġisem tonqos, jinħass id-dardir, il-ġilda tqum xewk xewk, jiżdied iz-zokkor fid-demm u l-qalb tħabbat tgħaġġel; spiss l-idejn jirtogħdu, in-nifs ikun diffiċli u l-ġisem jirtogħod bil-bard.

Qatt ma tista' tgħid x'effetti sa jkollu l-LSD; il-vjaġġ fantastiku li jagħti s-sensazzjoni li wieħed jaf kollox u li jista' jsolvi kull problema spiss inbidel f'siegħat ta' dwejjaq u biża' kbir. Ħafna minn dawk li ħaduha weġġgħu u saħansitra mietu waqt l-alluċinazzjonijiet.

Min jieħu l-LSD fil-fatt jilħaq stat li fih ma teżistix differenza bejnu nnifsu u d-dinja ta' madwaru, ma jħossux aktar soġġett għal-liġijiet tal-fiżika. Per eżempju wieħed jista' jaħseb li jista' jtir u jintefa' fil-vojt mingħajr ma jintebaħ bil-periklu tal-mewt.



L-iżjed effett impressjonanti tal-LSD hi x'aktarx il-"flashbacks". Ġranet, ġimgħat u anki xhur wara li wieħed ikun ħa l-aħħar doża, l-effetti kollha ta' l-LSD jistgħu jerġgħu jitfaċċaw f'daqqa waħda, u dak li jkun isib ruħu mkaxkar fuq vjaġġ li hu m'għazilx li jagħmel. Din hi esperjenza ta' dieqa kbira li ġġib f'ħafna nies depressjoni qawwija u l-biża' ta' min iħossu se jiġġennen. Ġraw anki każi ta' suwiċidju minħabba li l-individwi milquta ma felħux jissaportu kondizzjoni bħal din. Ix-xjenzjati għadhom ma sabux l-ispjegazzjoni għal din il-proprjetà tal-LSD, li hi probabbilment dovuta għall-qawwa enormi ta' din is-sustanza kimika u t-tfixkil li toħloq fil-proċessi kimiċi tal-moħħ.

## IL-PSIKEDELIĊI L-OĦRA

Jeżistu ħafna sustanzi oħra li jipproduċu effetti bħal dawk ta' l-LSD, imma li fl-Ewropa mhumiex imxerrda ħafna. Fost dawn bizzejjed insemmu l-PCP (Phencyclidine), li jsejħulu t-trab ta' l-angli ("angel dust"), li kien gie prodott għall-ewwel bħal anestetiku, imma li malajr wera li jġib id-delirju u l-konfużjoni fil-pazjenti, tant li l-produzzjoni legali tiegħu malajr twaqqfet.

Sustanzi oħra huma gejjin minn xtieli li jikbru l-aktar fil-Messiku u fl-Amerika t'Isfel : il-meskalina, li titnissel mill-cactus peyote, u l-psilocybin u psilocin li jiġu minn xi fungi li jgħidulhom maġiċi. Il-popli indiġeni kienu ilhom sekli jużaw dawn il-pjanti fiċ-ċerimonji religjuzi tagħhom, imma l-użu kien limitat għas-saċerdoti jew shaħar tagħhom. It-teħid ta' dawn il-pjanti kien ukoll limitat għal okkażjonijiet partikolari, bħal ċerimonji ta' darba fis-sena. Bħal fid-drogi kollha, hemm differenza kbira bejn l-effetti li jiġu minn pjanti li għandhom perċentwal baxx tas-sustanza attiva u dawk li jiġu minn pjanti li għandhom konċentrazzjoni għolja ta' l-istess sustanza.

## "DESIGNER DRUGS"

Is-sustanzi kollha li tkellimna fuqhom s'issa huma ta' oriġini naturali jew prodotti sintetiċi li l-oriġini tagħhom hija fil-laboratorji kimiċi ta' ċentri ta' riċerka jew industrji kbar biex tinstab kura iżjed effettiva għal ċertu mard. Madankollu dawn saru kawża ta' ħsara kbira għall-individwu u għas-soċjetà meta bdew jiġu użati b'mod ħażin għal skopijiet li ma kellhomx x'jaqsmu mal-ġid tas-saħħa.

Imma jeżistu wkoll drogi (li jissejħu "designer drugs") maħluqin apposta fil-laboratorji sigrieti minn kimiċi bla skrupli. Dawn jieħdu prodotti kimiċi, industrijali jew domestiċi (li fihom infushom ma jagħmlu l-ebda ħsara) u jagħmlu drogi ġodda biex jitfgħuhom fis-suq illegali ta' l-abbuż. Dawn is-sustanzi m'għandhomx valur fil-mediċina, imma jiġu studjati biex jipproduċu l-istess effetti tad-drogi l-iżjed komuni li huma kkontrollati bil-liġi. Fil-fatt il-liġi Maltija tipprovdi kontrolli dwar id-drogi kollha relatati mal-petidina, il-fentanil, u amfetamini. Dawn "id-designer drugs" jinbiegħu bi prezzijiet baxxi għal dawk li ma tantx għandhom flus (partikolarment f'xi pajjiżi tat-tielet dinja jew liż-żgħażagħ). Jistgħu jintużaw flok l-prodotti tradizzjonali li kultant jiskarsaw fis-suq, jew biex iħajru liż-żgħażagħ b'xi moda ġdida.

Dawn id-drogi kollha jiġu maħduma f'laboratorji ta' kafkaf, li m'għandhomx prekawzjonijiet iġjeniċi u mingħajr ebda kontrolli fuq il-kwalità tal-prodotti u fuq xi effetti ħżiena li jista' jkollhom. Dawn il-laboratorji jeżistu fid-dinja kollha. Ħafna drabi l-prodott ikun fih, apparti d-droga, sustanzi velenużi u ħafna mikrobi.

L-ewwel "designer drugs" li nkixfu kienu derivati mill-fentanil, opioid qawwi ħafna li jintuża bħala anestetiku u għal kontra l-uġigħ wara operazzjonijiet. Hija sustanza preżenti wkoll f'ċerti kalmanti. Xi kimiċi marbutin ma'l-ambjent kriminali tal-Kalifornja fl-1979 ipproduċew varjant ta' fentanil ta' qawwa ħafna akbar mill-eroina li ġġib dipendenza kwazi immedjata, u semmewha "Bogus China White". (Iċ-"China White" hija eroina pura ħafna mis-Sud Est Ażjatiku). Varjant ieħor "il-Persian White", ġiet prodotta fl-1983: it-tnejn huma qawwija ħafna iżjed mill-eroina u għalhekk għamlu ħafna vittmi. Fis-sena 1982 biss, ġewwa l-Kalifornja, l-Arizona u l-Oregon, il-"Bogus White" qatlet 107 persuni b'"overdose".

Droga oħra, l-MPPP, ġiet imnissla minn analġesiku komuni, il-petidina, li huwa opioid sintetiku li jintuża kontra l-uġigħ. Meta ġiet fuq is-suq kellha mħallta magħha sustanza velenuza, l-MPTP, li fi ftit gimgħat ikkawżat epidemija tal-marda ta' Parkinson billi laqtet 400 li użawha u li għoxrin minnhom baqgħu immankati għal għomorhom.

Ix-xogħol fuq id-"designer drugs" ma jiqafx mas-sostituti ta' l-eroina; jeżistu wkoll sostituti tal-kokaina u tal-amfetamini. Waħda minn dawn il-varjetajiet ta' l-amfetamini, l-MDMA, hi magħrufa taħt l-isem ta' "Ecstasy". Minħabba fil-qawwa tagħha bħala stimulant, l-"ecstasy" jeħduha ħafna żgħażagħ qabel ma jmorru għal lejl sħiħ ta' żfin skatenat għar-ritmi martellanti ta' mużika li tkompli teċċita lill-persuna li tkun diġa' mħawda. Din id-droga tidher li hija magħrufa fost xi żgħażagħ Maltin. Spiss jiġri li ma' l-"ecstasy", bħalma jiġri mal-joints u mal-kokaina, jinxtorbu drinks alkoħoliċi, u b'hekk l-effetti jiġu mmoltiplikati b'mod l-aktar qawwi.

L-effetti u s-sintomi tal-"ecstasy" huma bħal dawk tal-kokaina u l-amfetamini (ara l-kapitlu fuq l-istimulanti), imma ma' dawn jiżdiedu l-alluċinazzjonijiet (ara l-kapitlu fuq il-psikedeliċi). Fuq kollox hi ġġib id-dipendenza malajr, u studji li saru reċentement fil-laboratorju fuq l-annimali jindikaw li l-użu kroniku jwassal għal ħsara fil-moħħ li ma titfejjaqx. Ta' min igħid li filwaqt li l-mediċini, qabel ma jaslu fl-ispiżeriji, iridu jgħaddu minn ħafna fażijiet ta' studju u sperimenti li jieħdu ħafna snin, id-"designer drugs" jintefgħu fis-suq mill-ewwel u min jeħodhom ma jkollu l-ebda idea li jkunu qegħdin jippruvawhom fuqu. Bħal dak il-każ fañxi tal-MPTP li nstab mal-MPPP u li min ivvintah kien responsabbli għal tant każi tal-marda ta' Parkinson - żball żgħir fit-tħejjija tad-droga jista' jkollu konsegwenzi diżastrużi għal min jeħodha.



*Produtturi bla skrupli ma jistħux jużaw simboli tal-kultura taż-żgħażagħ, bħal dak tal-paċi, bħal "marka tad-ditta" fuq id-"designer drugs". L-"ecstasy" li ġiet maqbuda f'Malta kienet ukoll f'forma ta' pillola li kellha fuqha marka ta' għasfur. L-importazzjoni tagħha kienet mill-Ingilterra.*



*L-inalanti jittieħdu bin-nifs (fuq). F'Malta l-vizzju tal-inalanti mhux daqshekk komuni. Il-prodotti li jidhru hawn taħt jistgħu jiġu abbużati.*

## IX-XAMMIEMA

Ix-Xammiema (inalanti) huma dawk is-sustanzi kimiċi li jintużaw billi l-fwar jittieħdu bin-nifs u jkollhom effetti eċċitanti, għalkemm jistgħu jġibu ħsara kbira. Jeżistu ħafna sustanzi kimiċi bħal żebgħa, kolla,"acetone," likwidi kontra t-tbajja, spirti u petrol li ma jħallu ebda ħsara jekk wieħed jużahom kif suppost (f'ambjent ivventilat). Madankollu jekk dawn jinxtammu mill-viċin u fil-fond il-fwar tagħhom jista' jkollu effett fuq il-moħħ, jiġifieri jġib tibdil fis-sistema nervuża u li jista' jħalli effett eċċitanti. Dan l-effett jikber skond il-kwantità tal-fwar, imma jista' wkoll jaħraq il-moħħ. Meta l-fwar tagħhom jinġibed ġo l-imnifsejn, dan iġib eċċitament u anke ħass ħażinijiet. Il-varjetà tas-sustanzi u l-metodi m'għandhomx limiti, u min waqa' f'din id-drawwa perikoluża dejjem jivvinta x'sustanza ġdida oħra se juża. Jibqa' l-fatt li din hi drawwa perikoluża ħafna u li f'xi każi twassal għall-mewt. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li għandhom din id-drawwa huma tfal waqt jew qabel l-adolexxenza, li jibdew meta jiġu mħajra mill-kurżità jew mill-ħbieb, għax ma jqumux flus.

Ix-xammiema ma jġibux dipendenza fiżika imma tiżviluppa t-tolleranza u, bħal kull abbuż ieħor, min jaqbad id-drawwa jaqa' fid-dipendenza psikoloġika. L-effetti tagħhom, li huma immedjati u jdumu bejn 15 u 45 minuta, huma ta' riskji kbar, jibdlu n-nifs u t-taħbit tal-qalb, jistgħu jġibu d-dardir, l-għatis, tifriġ, nuqqas ta' koordinazzjoni u ta' aptit.

Abbuż kontinwu jwassal għat-tnaqqis fil-piż u għat-telf ta' kontroll bil-possibiltà ta' aġir vjolenti. Jistgħu jizviluppaw ħsarat fiżiċi u mentali (permanenti), bi ħsara fil-fwied, fil-kliewi u fil-mudullun. Jekk il-fwar jittellgħu bin-nifs ġo boroż tal-plastik (e.g. "glue sniffing", drawwa bla sens) ikun hemm ukoll il-periklu li dak li jkun jifga.

Kull meta jkun meħud il-fwar, ikun hemm riskju kbir ta' avvelenament gravi, għax doża qawwija wisq tista' ġġib waqfien tan-nifs, attakk tal-qalb u wkoll il-mewt. F'każ ta' avvelenament minn xammiema jkun hemm bżonn li tingħata ħafna arja lill-persuna li tkun taħt l-effett u din trid tittieħed immedjatament fis-sala ta' l-emerġenza f'xi sptar jew klinika. F'Malta l-użu ta' xammiema mhux komuni.



# NITGĦALLMU AKTAR BIEX NGĦIXU AĦJAR FLIMKIEN



L-ORGANIZZAZZJONI TAL-ĠNUS MAGĦQUDA
QIEGĦDA MIEGĦEK BIEX TITJIEB IL-KWALITÀ
TAL-ĦAJJA FID-DINJA KOLLHA

Jekk tkun trid tirċievi informazzjoni iżjed iddettaljata fuq STOP DROGA;
jekk trid tibgħat il-kummenti tiegħek fuq din il-pubblikazzjoni
u tgħinna biex nagħmluha aħjar; jekk għandek xi diffikultà
dwar il-problema tad-droga u taħseb li nistgħu ngħinuk

*Iktbilna:* **ICADAIT • 13, ST. PAUL STREET • SANTA VENERA HMR 18**

*jew* **KAMRA TA' L-ISPIŻJARA TA' MALTA • MEDISLE VILLAGE • ST. ANDREWS STJ 14**